# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRMINALI

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum, 14 ta' Diċembru, 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs**

**Justin Mallia ID 144698(M)**

**Kump Nru 606/22 NB**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputat: Justin Mallia ta' 24 sena, bin Kevin u Paola nee' Azzopardi, imwieled Il-Pieta', fit-18 ta' April 1998, residenti BLK C, Door A, Flt 6 Triq ic-Cikwejra, Santa Lucija ID: 144698M**

**Akkuzat talli:** *fit-12 ta' Settembru 2022 gewwa Triq Haz-Zabbar il-Fgura u f'dawn il-Gzejjer, ghall-habta ta' bejn 12:00hrs u 13:30hrs, minn gewwa vettura kkommetta serq, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' John Grima, Keith Azzopardi u/jew persuni ohra;*

***U aktar talli*** *: fid-9 ta' Settembru 2022, ghall-habta ta' bejn 13:00hrs u 14:00hrs, gewwa Triq l-Imdina , Hal-Qormi u f'dawn il-Gzejjer, minn gewwa vettura kkommetta*

*serq, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Sandro Dimech u/jew persuni ohra;*

***U aktar talli** : nhar l-10 ta' Awissu 2022, ghall-habta ta' bejn 07:00hrs u 10:00hrs, gewwa Triq l-Imdina, Hal-Qormi, u f' dawn il-Gzejjer, minn gewwa vettura kkommetta serq, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Justin Montebello u/jew persuni ohra.*

***U aktar talli, fl-istess lokalitajiet, hinijiet u cirkostanzi** : Naqas milli jhares il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, Magistrat Dr. Doreen Clarke LLD. meta inghatat il-helsien mill-arrest taht depozitu ta' 1000 euro u garanzija personali ta' 4000 euro.*

*Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta htija tirrevoka tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Justin Mallia u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmija imputat kif ukoll tordna li s-somma komplessiva ta' hamest elef (5000Euro) jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 Tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Finalment huwa akkuzat talli b'hekk sar recidiv a terminu ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;*

**Rat id-dokumenti** esebiti u l-atti proċesswali kollha.

**Semgħet, waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2022, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu** liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat.

**Rat li fl-istess seduta tad-29 ta' Settembru 2022, tramite d-difensur tieghu, l-imputat talab sabiex in vista tal-ammissjoni isir *pre-sentencing report*,** liema talba ma kienetx opposta mill-prosekuzzjoni u giet milqugha mill-Qorti.

**Rat ukoll** illi matul il-kors ta' dawn il-proceduri l-imputat tpogga taht Ordni ta' Supervizjoni Provizorja u gie segwit minn Ufficjal tal-*Probation*.

**Rat id-dokumenti esebiti fosthom** il-fedina penali tal-imputat (Dok RA 2 – fol 10 u 10A u Dok I – fol 148 sa 150 ) li tittratta dwar reati li jmorru lura ghat-2016 u 2020, l-istqarrija tal-imputat (Dok RA 5) fejn huwa ammetta l-akkuzi ta' serq u anke ta dettalji ta' kif wettaq l-istess reati, *current incident reports* u filmati (Dok RA 6 - 8), kunsens tal-Avukat Generali (Dok RA 3) u l-atti processwali kollha.

**Rat il-*Pre-Sentencing Report* redatt mill-ufficjal tal-*Probation* Dorian Cornelius esebit waqt is-seduta tas-7 ta' Novembru 2023 u mmarkat bhala Dok DCX1 (fol 138 et seq)**

u semghet ix-xhieda tal-istess Ufficjal tal-*Probation* fl-istess seduta tas-**7 ta' Novembru 2023 (fol 136 u 137)** fejn spjega li l-imputat kien qed jghix mas-siehba tieghu sakemm ma rega ddahhal il-Facilita Korrettiva ta' Kordin f'Awwissu 2023. Jghid li kellu impjieg regolarizzat sa Gunju 2023 u bejn Gunju 2023 u Awwissu 2023 – ghalkemm l-imputat isostni li kien jahdem – dan ma jirrizultax mir-recirds tal-jobs plus. Jispjega li ta 17 il-sena l-imputat beda juza d-droga kannabis kulljum u gieli anke uza l-kokaina.

Test tal-urina li ttiehed fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin fit-8 ta' Awwissu 2023 hareg pozittiv ghal kokaina izda test iehor aktar ricenti ossia f'Ottubru 2023 irrizulta fin-neegattiv. L-istess ufficjal jghid li tenut kont tan-natura tal-akkuzi u l-informazzjoni migbura piena idoneja tkun dik ta' sentenza ta' prigunerija sospiza u bhala trattament issuggerixxa li jekk jerga jkun hemm uzu ta' sustanzi illeciti l-imputat jista jigi riferut jew mal-Agenzija Sedqa (fejn huwa gja kien jiehu trattament) jew Agenzija ohra.

**Semgħet lill-ufficjal prosekutur l-Ispettur Sarah Kathleen Zerafa u lid-difensur tal-imputat Dr. Francesca Zarb, waqt is-seduta tal-5 ta' Diċembru 2023 jittrattaw dwar il-piena li ghandha tkun meqjusa idoneja f'dan il-kas.** L-ufficjal prosekutur tenniet li bhala piena ghandha tkun dik ta' prigunerija effettiva fil-minimu. L-avukat difensur tal-imputat sostniet illi l-piena idoneja tkun dik ta' probation. Dan ghaliex mill-*iter* processwali ta' dan il-kaz il-Qorti setghet tara illi l-imputat ghamel bidla ghall-ahjar. L-imputat ammetta fl-aktar stadju bikri u dan ghadnu jkun ta' beneficcju ghalih li m'ghandux isarraf f'piena ta' prigunerija effettiva.

Aktar minn hekk issostni li anke l-*probation officer* assenjat lill-imputat tenna li piena karcerarja effettiva ma tkunx wahda idoneja u ssuggerixxa li tkun wahda sospiza, izda legalment minhabba n-natura tal-akkuzi, l-Qorti hi prekluza milli taghti sentenza sospiza ghalhekk targumenta li sabiex il-Qorti tilhaq l-ghan ahhari li ghandu jwassal ghar-riforma tal-akkuzat u tinkoraggixxi l-ghajnuna u l-istabbilita fil-bniedem biex minn zbalji mwettqa fi zmien hazin jimxi jew ikompli lejn it-triq it-tajba, il-piena idoneja ghandha tkun dik ta' *probation.* Tghid ukoll li z-zmien kemm dam inkarcerat matul il-proceduri sarrfu wkoll f'xi haga tajba fejn l-imputat qed juri kambjament pozittiv u rieda li jiehu l-ghajnuna u jigi segwit.

Dwar l-akkuza tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest marbuta mid-digriet tal-Helsien mill-Arrest mghoti mill-Magistrat (illum Imhallef) Onor. Doreen Clarke appellat ghad-diskrezzjoni ta' din il-Qorti biex f'kaz li l-Qorti tkun propensa timponi piena ta' *Probation* lill-imputat, ma tkunx din l-akkuza li twaqqafu milli jgawdi l-liberta tieghu. Kwantu ghall-konfiska tad-depozitu u garanzija marbuta mal-istess digriet tal-Helsien mill-Arrest tghid li fl-aghar ipotezi ghandu jkun hemm semmai konfiska *in parte*.

**Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.**

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tieghu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement ippruvati skond il-Ligi.

Illi meta tigi biex tikkunsidra u tikkalibra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-akkuzi *de quo*, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat u c-cirkostanzi ta' kif sehhew, l-ammissjoni bikrija tieghu, l-fedina penali tal-imputat u kif ukoll il-fatt li huwa kkoopera mal-Pulizija u anke rritorna xi rifurtiva. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet mressqa mill-partijiet dwar il-piena u anke jekk lejn il-bidu tal-proceduri l-imputat wera attitudni negattiva fejn la segwa l-appuntamenti tal-ufficjal tal-*probation* u anke kien hemm okkazjonijiet fejn naqas milli jattendi il-Qorti – ghal liema komportament din il-Qorti tqis li huwa gja hallas skond id-Digriet tas-7 ta' Awwissu 2023 fejn huwa tilef il-beneficcju tal-helsien mill-arrest u giet ordnata l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' hamest elef Ewro (5,000) – minn tali Digriet il-quddiem il-hati beda juri kambjament u rieda li jaqbad it-triq it-tajba. Dan jixhduh kemm il-verbali ta' dan il-kaz u kif ukoll ir-rapport tal-ufficjal tal-*probation* datat 7 ta' Novembru 2023.

Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza li l-*iter* processwali ta' dan il-kaz juri li l-imputat ghamel bidla ghall-ahjar matul il-kors tal-kawza. Di piu, l-ammissjoni bikrija tieghu ghandha ssarraf f'beneficcju ghalih billi ma tinghatax piena ta' prigunerija effettiva. B'referenza ghar-rakkomandazzjoni tal-*probation officer* assenjat lill-imputat li ssuggerixxa piena ta' prigunerija sospiza, il-Qorti taghraf li minhabba n-natura tal-akkuzi hija prekluza milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza. Izda b'daqshekk dan ma jfissirx li l-alternattiva ghandha neccessarjament tkun piena ta' prigunerija effettiva. Invece, l-Qorti hi tal-fehema li f'dan il-kaz ghandha tghati cans iehor lill-hati biex ikompli jimxi lejn it-triq it-tajba u jbiddel hajtu bl-ghajnuna li ghandu bzonn u ghalhekk taqbel li l-piena idoneja ghandha tkun dik ta' *probation.*

Dan sabiex jigi assigurat li l-hati jibqa' jigi segwit u mghoti d-direzzjonijiet u ghajnuniet kollha mehtiega sabiex fl-ewwel lok izomm il-boghod mis-sustanzi lleciti u milli jwettaq reati ohra u kif ukoll sabiex jottjeni dik l-istabbilita fil-hajja tieghu b'xoghol adegwat u regolarizzat u relazzjonijiet kemm familjari u kif ukoll ta' hbieb u/jew siehba li jkunu idoneji. Il-Qorti hi propensa wkoll li takkorda ordni ta' *probation* ghaliex fin-natura taghha ordni ta' *probation* tikkontjeni fiha nnifisha deterrent b'sahhtu bizzejjed fil-forma illi fejn il-ħati jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, il-ħati jista'jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Fir-rigward tal-imputazzjoni enumerata erba (4) ossia l-akkuza tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest marbuta mid-digriet tal-Helsien mill-Arrest mghoti mill-Magistrat (illum Imhallef) Onor. Doreen Clarke il-Qorti hi tal-fehma illi

ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha fis-sens illi bl-applikazzjoni tal-*proviso* tal-Art. 579(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma tqiesx li hemm lok ghall-piena "addizzjonali" tar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u tal-konfiska tal-garanzija u depozitu imposti fuq l-imputat bl-imsemmi Digriet. Dan qed jinghad anke ghaliex bid-Digriet taghha tas-7 ta' Awwissu 2023 il-hati gja tilef il-beneficcju tal-helsien mill-arrest marbut mal-kundizzjonijiet tal-Helsien mill-Arrest imposti minn din il-Qorti f'dawn il-proceduri u giet ordnata l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' hamest elef Ewro (€5,000) u taghraf li dan huwa bizzejjed. Issa li dawn il-proceduri qed jigu decizi illum ma tqisx li hemm htiega ta' piena ulterjuri f'dan ir-rigward.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi, u wara l-kunsiderazzjonijiet sudetti, l-Qorti wara li rat Artikoli 17, 49, 50, 261 (c) u (g), 267, 271, 279 (a), 280, 281 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, **fuq ammissjoni, ssib lill-imputat Justin Mallia hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-hati taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien ta' tlett (3) snin millum, dan kollox skond l-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment.**

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin u/jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija fl-istess zmien.

Il-Qorti tordna li kopja tal-Ordni ta' *Probation* tigi moghtija lill-hati u kopja ohra tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation u Parole* sabiex ikun jista' jassenja ufficjal tal-probation li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati kif ordnat b'din is-sentenza.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess ghall-atti kollha ta' dawn il-proceduri u ta' din is-sentenza bil-mezz u fiz-zmien pprovdut mill-Ligi.

**Noel Bartolo**
**Maġistrat**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur** **14 ta' Diċembru 2023**